VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,102, 25 ta' Ġunju, 2013
Taqsima B

A.L. 164 tal-2013

ATT DWAR TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR (KAP. 380)
Regoli tal-2013 dwar il-Preżentata ta' Atti permezz ta' Mezzi Elettroniċi fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, il-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli għal Ġustizzja, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2013 dwar il-Preżentata ta' Atti permezz ta' Mezzi Elettroniċi fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

(2) Dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2013.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli "permezz ta' mezzi elettroniċi" għandha tfisser *online*.

Kif jitħaddmu l-mezzi elettroniċi.

3. (1) Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu jistgħu jiġu ppreżentati *online* talbiet, risposti u kontro talbiet quddiem it-Tribunal u, jew appelli minn deċiżjonijiet tal-istess Tribunal.

(2) Kull persuna li tkun tixtieq tippreżenta talba, risposta u, jew kontro talba quddiem it-Tribunal jew appell minn deċiżjoni tal-istess Tribunal tista' tagħmel dan billi timla l-formola relattiva *online* u tħallas id-dritt preskritt.

Responsabbiltà tar-Reġistratur u meta jitqiesu li ġew preżenatati l-atti *online*.

4. (1) Ir-Reġistratur jew persuni minnu delegati jistgħu jirċievu talbiet, risposti u kontro talbiet quddiem it-Tribunal jew appelli minn deċiżjonijiet tal-istess Tribunal ippreżentati permezz ta' mezzi elettroniċi.

(2) Talbiet, risposti u kontro talbiet quddiem it-Tribunal jew appelli minn deċiżjonijiet tal-istess Tribunal ippreżentati permezz ta' mezzi elettroniċi għandhom jitqiesu, għal finijiet u effetti kollha tal-liġi, daqslikieku ġew ippreżentati direttament fir-Reġistru tal-istess Tribunal:

Iżda meta talba, risposta u, jew kontro talba quddiem it-Tribunal jew appell minn deċiżjoni tal-istess Tribunal tiġi ppreżentata permezz ta' mezzi elettroniċi barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru stabbiliti skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak l-att għandu jitqies illi ġie ppreżentat l-ewwel ġurnata li jkun imiss tal-ftuħ tal-istess reġistru.

Kap. 12.